MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2009

Numru 758/2004

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Carmelo Bartolo)**
**(Spettur Joseph Agius)**

**vs**

**Mario Attard.**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Mario Attard ta’ 50 sena bin Anthony u Carmela nee Grima imwieled il-Hamrun nhar is-7 ta’ Novembru 1953 u li joqgħod 4 Triq Villambrosa Hamrun u li għandu l-karta tal-identita’ bin-numru 813053 (M)

Akkużat talli:

(a) Fil-11 ta' Settembru 2004 għall-ħabta tal-10.45 ta' filgħaxija waqt li kien f'Ħal-Kirkop, dolożament, bil-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajtta ta' Ivan Pirotta minn Ħal-Qormi f'perikolu ċar, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt billi ta daqqa ta' strument li jaqta' u bil-ponta f'parti vitali ta' ġismu liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu;

(b) kif ukoll fl-istess data, lok, ħin u ċirksotanzi, ikkaġuna offiża ta' antura gravi fuq il-persuna ta' Ivan Pirotta minn Ħal-Qormi skond ma ċċertifika Dr Malcolm Borg MD tal-Isptar San Luqa;

(ċ) Kif ukoll fl-istess data, lomk, ħin u ċirkostanzi, bil-ħsieb li jikkaġuna offiża gravi u permanenti bi strument li jaqta' u bil-ponta fqu il-persuna ta' Nazzareno Gauci miż-Żejtun, wera dna il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu;

(d) U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirksotanzi, fil-ħin li kien qed jaħgmel delitt kontra l-persuna, u cioe' tentattiv ta' omiċidju volontarju fqu il-persuna ta' Ivan Pirotta minn Ħal-Qormi kif ukoll tentattiv ta' ferita gravi bi strument li jaqta' u bil-ponta fuq il-persuan ta' Nazzareno Gauci miż-Żejtun, kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari;

(e) U aktar talli fl-istess lok, data, ħin u ċirksotanzi żamm u ġarr strument li jaqta' u bil-ponta mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulziija;

(f) U fl-istess data,lok, ħin u ċirkostanzi, hedded serjament diversi persuni bi struemnt li jaqta' u bil-ponta;

(g) U aktar talli fl-istess lok, data, ħin u ċirksotanzi bil-lejl kiser il-mistrieħ tan-neis bi ħsejjes jew għajjat jew b'mod ieħor;

(h) U aktar talli fl-istes data, lok, ħin u ċirkostanzi inġurja jew hedded lil Vicky Spiteri minn Ħal-Kirkop;

(i) U fl-aħħarnett talli rrenda ruħu reċidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li nstab ħati b'diversi sentenzi mogtħija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi huma jistgħux jinbidlu.

Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi ċ-ċertifikat tat-twelid tal-imputat li jġib in-numru 8130 tal-1953, il-proċes verbal redatt mill-Maġistrat Dr Scerri Herrera intitolat ' Feriment ta' Ivan Portelli f'Ħal-Kirkop' fil-11 ta' Settembru 2004 (fol 72), il-currenti incident report a fol 63, il-konferma tal-ħatriet tal-esperti magħmula fil-proces-verbnal (fol 67), il-fedina penali tal-imputat (fol 282 et), id-dikjarazzjoni magħmula mid-difiża a fol 370 li biha eżentat lill-Prosekuzzjoni milli ttella' l-prova biex jiġi stabbilit li d-demm fuq id-dokumenti esibiti huma tal-vittma Ivan Pirotta, ir-relazzjoni ta' Dr.Andrew Borg a fol 389 et seq tal-proċess, iż-żewġ dikjarazzjonijiet maħgmula mill-Prosekuzzjoni a fol 406 li fiha qalet li ma kien hemm xejn fil-fedina penali tal-imputat li jikkostitwixxi prova ta' reċidiva u li l-allegat vittma Ivan Pirotta ma kien issubixxa l-ebda intervent kirurġiku iżda kien taħt l-attenzjoni medika tat-Tabib Konsulent Dr Shopanski, id-dikjarazzjoni tal-Proekuzzjoni li għalqet il-provi taħgha (seduta tat-23 t'Awwissu 2007) (fol 460), l-artikoli mibgħuta mill-Avukat Ġenerali (fol 461), il-ħatra tal-Probation Officer u r-relazzjoni ppreżentata mmarkata Dok CA a fol 472 u n-Nota tal-Avukat Difensur.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet magħmula mill-Avukat Difensur.

L-abbli Prosekutur ingħata sa l-aħħar ta' Lulju 2009 sabeix jippreżenta n-Nota tiegħu.

Xehed is-Supt Carmelo Bartolo li qal li fil-11 ta' Settembru 2004 kien infurmat li saret glieda quddiem il-kazin tal-Malta Labour Party gewwa Hal Kirkop. Kien safa' ferut

Ivan Pirotta. Dr Martin Borg kien ezamina lil Ivan Pirotta u sab li kellu gerah fuq in-naha tax-xlelug tal-gisem tieghu li huwa kklassifika bhala offiza gravi. Mario Attard kien mar minn jeddu is-CID fejn kien kellmu l-Ispettur Michael Mallia. L-imputat qal li kien attakkat imma rnexxielu jaharbilhom. L-imputat cahad li hu kien attakka lil Ivan Pirotta b'xi sikkina.

Xehdet wkoll Victoria Spiteri li qal li l-imputat kien mal-habiba tieghu Magdalene u t-tifla taghhom Diandra u dawn argumentaw ma din Victoria Spiteri. Il-barman ried li johrog lill-imputat min-naha ta' wara izda l-imputat ried johrog min-naha ta' quddiem u beda jiccalingja lil kull min kien hemm ghall-glied. Ivan Pirotta mar izomm lill-imputat u dan Ivan Pirotta spicca ferut.

Kien kellem ukoll lil Leonard Cutajar, il-barman tal-hanut li dan kien qal li ried johrog lill-imputat minn wara tal-hanut izda l-imputat webbes rasu. X'gara barra ma kienx jaf iktar.

Is-Supretendent kellem ukoll lil Magdalene Agius li kienet marret tistaqsi lil Vicky ghala dan l-ahhar kienet qed tghajjarha (fol 20). Dahal ukoll l-imputat u kien hemm nies li bdew jikkalmaw l-argument. Wara ftit hija rat xita ta' fliexken gejjin u garar ta' affarijiet u harbu jigru. Fuq din il-patri tal-glieda ma kienet taf xejn.

Kellem ukoll lil Rodianne Pirotta, il-mara ta' Ivan Pirotta li kien ferut. Din qalet li ppruvaw jikkalmaw is-sitwazzjoni u lil Mario dahhluh gewwa l-kazin. Biss wara Mario rega hareg jiccalingja ghall-glied. Missier Rodianne Pirotta, certu Nazzareno, qal lil Mario biex jitlaq izda dan hareg mus u xejjer daqqa ta' mus lejn dan Nazzareno. Dan rnexxielu jizgicca u l-imputat kien laqat lil Ivan Pirotta u ghamillu griehi go qaddu.

Kien kellem ukoll lil Karl Pirotta li qal li ra lil Mario l-imputat johrog mus u jibda jiccalingja lil kull min kien hemm ghall-glied. Xi mument avvicinah Ivan Pirotta u qallu biex ma jmissx lil Vicky izda Mario xejjer daqqa ta' mus u laqat lil

Ivan Pirotta. Huwa ra wkoll lil missier Rodianne jaqbad siggu pero dan ma garax (fol 31).

Huwa kellem wkoll lil Nazzareno Grixti, missieri Rodianne u qal li l-imputat kien xejjer daqqa ta' mus lejh imma dan Nazzareno Grixti kien spiccalu u spicca biex laqat lil Ivan.

Ivan Pirotta kien qal li certu Zaren beda jargument ma Mario biex jghidlu itlaq minn hemm waqt li Mario beda jiccalingja lin-nies ghall-glied. Huwa qal li ra lil Zaren b'siggu f'idejh. Il-ferut mar iferraqhom u meta ra l-argument qed jikber huwa qala' daqqa ta' mus. Hu kien mar iferraq lil Zaren minn ma' l-imputat biex ma jiggieldux. Huwa ma kienx rah il-mus qabel ghax kieku ma kienx jintervjeni. Flok qala' d-daqqa Zaren kien qalaghha hu (fol 32).

Kellem wkoll lil certu Alex Pirotta li wkoll qal li kien pprova jipperswadi lil Mario Attard biex jieqaf. Biss l-imputat webbes rasu u ried johrog mill-bieb ta' quddiem. Ghal hekk Pirotta kien qal lil Mario Attard biex ma jsawwatx lil missieru, jigifieri lil missier Alex Pirotta ghax kien ragel anzjan. Imbghad dan Alex Pirotta ra lil huh Ivan Pirotta ma' l-art. Dan Alex Pirotta mar jigri wara l-imputat illi beda jxejjirlu l-mus f'wiccu u imbghad l-imputat harab u ma kienx jaf fejn mar.

L-imputat kien rrifjuta illi jkun ezaminat minn tabib li kienet nnominat il-Qorti biex jezaminah u l-imputat ma kien wiegeb xejn fl-istqarrija maghmula quddiem il-pulizija.

Fil-kontro ezami l-avukat difensur staqsa jekk kienx qed jiccalingja lin-nies ghall-glied jew jiddefendi lilu nnifsu. Il-prosekutur wiegeb li kull min kien tkellem mieghu kien qal li l-imputat beda jxejjer il-mus lejn kulhadd u beda jiccalingja lin-nies ghall-glied. Kif dawn resqu fuqu qabad u xejjer daqqa ta' mus. Dawn kienu resqu fuqu biex jikkalmawh.

L-Ispettur kompla jzid li min resaq lejn l-imputat bis-siggu kien ghamel hekk ghax l-imputat kellu mus (fol 40). Ivan Pirotta kien intervjena biex ma jhallix lil Nazzareno

jargumenta ma' l-imputat izda imbghad l-imputat kien xejjer daqqa ta' mus. Dak li kellu s-siggu zgicca u intlaqat Ivan Pirotta (fol 40).

Id-daqqa li kien ta l-imputat kienet aktarx intiza ghal Nazzareno biss dan zgicca u kien hemm Ivan Pirotta li ntlaqat (fol 41).

Mic-certifikat mmarkat Dok CB2 a fol 47 jirrizulta li Ivan Pirotta kellu lacerazzjoni ta' 2cm fin-naha tax-xellug, lower costal margin.

Xehed ukoll l-Ispettur Joseph Agius li qal li Magdalene Agius u Victoria Spiteri kienu l-kazin tal-Labour. Dawn it-tnejn joqghodu fi flats biswit xulxin gewwa l-istess blokka u ta' sikwit jkollhom xi jghidu ma xulxin u kienu bit-tikketta.

Magdalene Agius illi bdiet tindirizza lil Victoria billi tistaqsieha ghaliex kienet qed tghajjarha. Magdalene Agius hebbet ghal Victoria u bdiet tigbdilha xaghrha u taghtiha daqqiet fuq rasha. L-imputat beda jistieden lil kulhadd ghall-glied izda ppruvaw jikkalmawh u dahhluh lejn il-kazin. Il-barman tal-kazin Leonard Cutajar pprova jikkalma lill-imputat u prova johorgu minn wara tal-kazin. Izda l-imputat kien zgicca lill-barman u rega hareg 'l barra.

Certu Paul Pirotta kien qabad siggu ahmar biex jipprova jiddefendi ruhu minn Mario Attard li beda jxejjer il-mus lejh. Paul Pirotta ma ntlaqatx izda kien intlaqat it-tifel tieghu Paul Pirotta. L-imputat kien talab lil certu Raymond Bonnici biex iwasslu d-depot tal-pulizija.

Il-Magistrat ta' l-ghassa kienet ghamlet inkjesta u hatret diversi esperti.

L-Ispettur Agius kkonferma li l-imputat kien rrifjuta li jigi ezaminat minn tabib li kienet appuntat il-Magistrat nnifisha.

Meta kien rega gie riprodott l-Ispettur Carmelo Bartolo, dan spjega illi t-tabib kien qal lill-imputat illi kien ser jaghtih il-gurament bhala espert tal-Qorti u wara kien qallu jekk

inti mhux ser tiehu l-gurament, xorta noffrilek biex nezaminak. Izda l-imputat baqa' jinsisti li ma riedx ikun ezaminat. Hu qal jekk fil-kaz imur ghand it-tabib tieghu.

Xehed ukoll PS 1448 Victor Buttigieg illi dan kellem lill-istess nies li kienu kellmu z-zewg prosekuturi imsemmija iktar 'l fuq u kkonferma illi d-dettalji kollha moghtija miz-zewg prosekuturi li xehdu qablu, b'mod partikolari dak li qalet Rodianne Pirotta li qalet li Mario Attard kien hareg mus mill-but u xejjer daqqa lill-missier l-istess Rodianne Pirotta pero laqat lir-ragel taghha Ivan Pirotta. L-imputat kien harab jigri.

Dan kollu jidher ukoll fil-current incident report a fol 63 et.

A fol 111 xehed PS 1184 Patrick Grech li kkonferma li kienu ttiehdu r-ritratti u elevaw xi swabs (fol 112). Kien hu li gibed ir-ritratti waqt li PC 94 eleva xi swabs minn dik it-triq u iktar tard marru l-isptar St Luke's fejn gew mghoddija lilhom il-hwejjeg ta' Ivan Pirotta. Imbghad huwa ghadda l-swabs u l-hwejjeg ta' Ivan Pirotta lis-serologista Chris Farrugia, (fol 112).

Xehed Leonard Cutajar, sid il-bar. Huwa qal li kien fil-kcina meta nqala' l-argument.

Huwa qal li l-imputat kellu argument ma persuna ohra (fol 123). Fil-fatt ma min inqala' l-argument kien hemm xi nies ohra li kellhom mejda flimkien (fol 124). Fil-fatt l-imputat kien qieghed gewwa l-bar u l-ohrajn kienu qeghdin barra. Dawn kienu jammontaw ghal bejn 6 jew 7. Huwa pprova jsikket l-argument u qal lill-imputat biex ma jghaddix minn quddiem l-ohrajn li kienu barra. Izda l-imputat qal li hu kien dahal mill-bieb u ried johrog mill-istess naha (fol 127). Hu induna li kienu involuti Mario Attard u mara ohra li ma kinitx il-mara tieghu (fol 130). Beda jsir tghajjir. Huwa kkonferma illi Mario Attard kellu xi jghid ma Victoria Spiteri.

Il-prosekuzzjoni qrat lix-xhud dak li kien qal hu stess matul l-inkjesta quddiem il-Magistrat Inkwerenti a fol 132 u 133 u

kkonfermah. Hu kkonferma fost affarijiet ohra li kien prova jzomm lill-imputat biex ma jinqalax inkwiet.

Fil-kontro ezami huwa kkonferma li ta Pirotta kienu fuq mejda ghalihom u kienu xi sitta jew sebgha. Dan ix-xhud kompla jghid li huwa kien dahhal lil Mario Attard gewwa. Imbghad bdew il-battibekki minn barra ghal gewwa bejn l-irgiel. Dawn qalulu ghaliex kien qed jehodha man-nisa (fol 138). Ix-xhud qal li l-battibekk dam sejjer ghal madwar 10 minuti.

A fol 140 huwa qal li dawn li kienu barra kienu qamu ghall-imputat. Dan ix-xhud qal li kienu qamu bil-wieqfa minn bil-qeghda (qabbel dak li qed jghid dan ix-xhud ma kif xehed quddiem il-Magistrat Inkwerenti a fol 84 fejn hu qal ‘X’gara barra ma nafx ghax bqajt gewwa. Jiena ma rajt lil hadd jiggieled. Qaghdu jiggieldu barra t-triq’ – fol 85).

Il-perit Valerio Schembri kkonferma l-kontenut tar-relazzjoni tieghu dwar l-isketch li kien ordnat jaghmel mill-Qorti Inkwerenti, liema sketch u relazzjoni jinsabu bil-proces verbal.

A fol 148 xehed Ivan Pirotta, l-allegat vittma. Huwa qal li kien fil-kazin tal-Labour gewwa Hal Kirkop fejn kien mal-familja tieghu. Kienet giet il-kugina Vicky. Hareg Mario u l-mara tieghu u bdew joffenduha u qabdu maghha. Huwa gharaf lill-imputat fl-awla.

Huwa semma l-kliem li kien uza Mario u l-mara li kien maghha fid-direzzjoni ta’ din Vicky (fol 150). Il-mara ta’ Mario refghet idha fuq din Vicky u kienet ser taqbad taghtiha u l-istess Mario Attard kien ser jaqbad jaghtiha wkoll.

L-allegat vittma qallu biex jieqaf, qallu jekk fil-kaz ejja miss lili l-ewwel (fol 150).

Hareg Leonard Cutajar, sid il-hanut li qal lil Mario biex jidhol gewwa u johrog mill-bieb ta’ wara. Izda dan ma riedx johrog hekk.

Malli hareg mill-bieb ta' quddiem huwa qal li ma kien jibza' minn hadd. Huwa kellu idu fil-but. Qam Nazzareno Gauci li qallu mur u ibqa' sejjer u hallina bil-kwiet. Kien hawn illi hareg il-mus l-imputat. Ix-xhud kien mar biex iferraqhom, jigifieri jferraq lil Nazzareno u lil Mario. F'idejn Nazzareno kien hemm siggu.

Hekk kif dahal dan ix-xhud f'nofshom biex iferraqhom, l-imputat qabad u dahhal il-mus u laqtu darba mal-genb 'l isfel mill-kustilji u beda hiereg id-demm. Dak il-hin hareg hu dan ix-xhud, Alex, u dan ix-xhud qallu ara x'ghamilli. Dan Alex harab jigri wara Mario u Mario waqaf u beda jxejjer il-mus go wicc Alex u waddablu flixkun tal-Heineken. Il-flixkun tal-Heineken twaddab minn hu x-xhud ghax Mario Attard l-imputat beda jxejjer il-mus go wiccu.

Dan ix-xhud kien ra l-mus kif qam hatnu. Kien dak il-hin illi l-imputat hareg il-mus (fol 154). Wara li qala' d-daqqa dan ix-xhud kien ra l-mus li ma kienx kbir hafna. Huwa kien waqaf ftit iktar 'l fuq mill-hanut u lil huh kien qed ixejjrilu madwar tliet metri boghod (fol 157). Lil huh ma kienx laqtu (gol 158). Huwa kkonferma li fuq il-mejda kienu madwar sebgha. Wiehed minn dawn li kienu madwar il-mejda kien jixmi bil-krozzi ghax kellu saqajh miksura.

Huwa kien hareg mill-isptar l-Erbgha filghodu u llum il-gurnata ma kienx qed ibati b'xi haga. Hu qal ma tantx. Hu kien rega' mar l-isptar u qalulu li kollox ghandu tajjeb (fol 163). Fil-kontro ezami hu qal li bejnu u bejn l-imputat qatt ma kien hemm glied. Qatt ma kien kellmu. Hu qal li Vicky kienet il-kugina tieghu u ghal hekk kien jafha. Huwa kkonferma li kienet il-mara ta' Mario li bdiet tghajjar lil Vicky. Ix-xhud qal illi Vicky lanqas rrispondietha. Il-mara ta' Mario kienet bdiet taghtiha go rasha. Vicky kienet bil-qeghda u kienet il-mara ta' Mario li marret bil-wieqfa hdejha. L-imputat kien refa' idejh fuqha wkoll (fol 173). Kien taha daqqa go rasha wkoll.

A fol 174 huwa qal illi lill-imputat kien qallu 'mhux lilha, ejja aghti lili l-ewwel.' Huwa kkonferma li sema' lil sid il-hanut jghid lill-imputat biex johrog mill-bieb ta' wara izda l-

imputat ried johrog mill-bieb ta' quddiem. L-imputat beda jghid li hu ma jibza' minn hadd (fol 176). Haten ix-xhud kien qallu biex jibqa' sejjer u jhalliehom bil-kwiet. Kien l-imputat li kellu idu fil-but. U haten ix-xhud qabad is-siggu biex jiddefendi lilu nnifsu. Ix-xhud mar biex iferraqhom u kien hawn li l-imputat laqtu. Huwa qal li missieru ma kienx hemm. Fir-ri ezami hu qal li hatnu kien qabad is-siggu meta kien ra l-mus (fol 181 u 182).

A fol 184 xehdet Rodianne Pirotta, bint Nazzareno Gauci. Maghha kien hemm xi nies tal-familja taghha. Kienet giet imbghad ukoll il-kugina Vicky. Hargu l-mara ta' Mario Attard u t-tifla u bdew jillatikaw. Bdew jghidulha xi kliem baxx. Imbghad hareg Mario Attard l-imputat u beda jillatika maghha, jigifieri ma Vicky. Hu beda jaghmlilha idejh ma wiccha. Imbghad in-nisa gew fl-idejn. L-imputat dahal gewwa. Kien hemm ukoll il-barman li beda jdahhlu 'l gewwa. Hi bdiet tghid lill-imputat biex joqghod kwiet.

Nazzareno Gauci beda jghidlu biex jimxi 'l hemm bil-mod. X'hin rah bil-mus f'idu lil Mario, missierha kien pront qabad is-siggu biex jiddefendi ruhu bih (fol 188). Imbghad gie wiehed jismu Toni u lil missierha hadlu s-siggu. Ir-ragel taghha, jigifieri l-allegat vittma, kien mar jaqbad lil missierha. Hawn Mario dar u tah daqqa ta' mus fil-genb lil Ivan Pirotta (fol 189). Wara l-imputat rega' beda jxejjer il-mus ma wicc Alex Pirotta u imbghad telaq jigri l-imputat. Alex Pirotta kien garalu flixkun lill-imputat.

Il-mus kien indirizzat biex tinghata daqqa lil missierha. Lill-imputat hi qatt ma kienet ratu. Lil Vicky kienet tafha ghax kienet kugina tar-ragel. Ma kinitx taf jekk kienx hemm xi kwistjonijiet bejn Mario u Vicky jew il-mara ta' Mario u Vicky.

Hija regghet rrepetiet illi missierha kien qal lil Mario biex ikompli miexi bil-kwiet ghax Mario Attard kien qal li ma jibza' minn hadd. Barra dan missierha kien qabad is-siggu meta ra li Mario kellu l-mus. Lil Vicky bdew jinsulentawha b'certu kliem. L-imputat kien indahal bejn dawn in-nisa u l-qawwija pruvat tigref lil Vicky. Sid il-bar tal-kazin prova jdahhal lill-imputat 'l gewwa. L-imputat ried

jibqa’ jghaddi mill-bieb ta’ quddiem. Ix-xhud qal li ra lill-imputat b’idejh fil-but u gibed l-attenzjoni lil Nardu illi dan kellu xi haga fil-but. Nardu kien sid il-bar, li baqa’ jigbed lill-imputat lura. Malli hareg l-imputat mill-bar, nehha idejh mill-but u kellu mus f’idejh. Ix-xhud mill-ewwel gharraf b’dan lir-ragel tat-tifla u qallu biex joqghod attent ghax l-imputat kellu mus f’idejh.

L-imputat qabad siggu biex jilqa’ bih bhala tarka izda kienu haduhulu. L-imputat prova jolqtu izda flok laqat lilu laqat lil Ivan Pirotta. L-imputat beda jaghti bl-addocc u anke Ivan kien qam u lill-imputat ix-xhud baqa’ jghidlu biex jibqa’ sejjer bil-kwiet. Sa dan it-tant ir-ragel tat-tifla ma kienx induna li l-imputat kellu mus f’idu. Kien dan ix-xhud li qallu b’dan kollu u wara induna Ivan Pirotta ghax dan l-istess Ivan Pirotta gie milqut. Huwa kien qal lir-ragel tat-tifla illi l-imputat ghandu mus meta hareg Mario Attard mill-hanut.

Ir-ragel tat-tifla kien intervjena ghax l-imputat baqa’ jisfida.

Il-mus kien daqxejn imdaqqas u kien bil-manku ta’ l-injam.

Meta fil-kontro ezami kien mistoqsi jekk xi hadd iehor qalax xi daqqa ta’ siggu minghand ix-xhud, ix-xhud wiegeb kollox jista’ jkun bhal ma seta’ jkun li laqat lilu wkoll. Bhal ma seta’ jkun illi l-imputat halla lilu hemm flok lir-ragel tat-tifla.

Mistoqsi jekk il-bniedem li kellu l-krozzi setax intervjena wkoll billi ta xi daqqa ta’ krozza, huwa wiegeb illi ma setax jghid ghax hu ppanikkja meta ra lir-ragel tat-tifla f’ghadira demm (fol 208).

Huwa wiegeb ukoll illi Ivan Pirotta kien indahal biex jiddefendi lil dan ix-xhud. Ix-xhud qal li hu prova jberred kollox. Il-Qorti ghamliltlu mistoqsija a fol 212 u hu qal li l-imputat kellu l-mus f’idu u beda jiccalingjahom.

Xehdet Magdalene Agius a fol 214 et. Din qalet illi hija rat lil Vicky Spiteri u staqsietha ghala kull darba li taraha

tghajjarha. Fil-pront gie wiehed minn warajha u beda jghajjat maghhom.

Kien mar Pawlu Pirotta biex jghannaq lil Mario Attard u Mario Attard qallu ersaq ghax inti ghandek il-vizzju li tigdem. Wara kienu hargu u rat hafna tazzi nezlin (fol 215). Hi cahdet li kienet tat xi daqqa lil Vicky go rasha izda bdew iferfru idejhom it-tnejn.

Hi qalet li kienet semghet lill-barman jghid lil Mario Attard biex johrog mill-bieb ta’ wara tal-hanut. Qalet ukoll li meta kienu hargu bdew iwaddbulhom it-tazzi (fol 221). Qalet ukoll li kien twaddab siggu imma ma tafx min kien waddbu. Hija ma kienet rat ebda mus f’idejn Mario Attard.

Hawn l-ispettur qalilha jekk ftakritx li kien hemm xi hadd li kines ghax ma kienx hemm hgieg hlief ftit ta’ flixkun (fol 224). Hawn qalet illi twaddbu xi tnejn jew tliet taxi (fol 224). Fil-kontro ezami hi baqghet tghid li kien hemm xi 20 jew 30 ruh. Dwar il-krozzi hi rathom jigru fl-art izda t-tifla kienet qaltilha li tawha xebgha fuq daharha biha. Hi ma kienet rat xejn. Hi kienet dahlet ghall-kenn go flat ghax kienet qed tibza’ minnhom.

A fol 23 xehdet Leandra Agius bint l-imputat fejn qalet li kien hemm xi 25 jew 30 ruh jigru warajhom u kien hemm Alex li waddab xi zewg tazzi. Kien hemm iehor b’siggu ahmar. Alex Pirotta kien qal lil missierha li ser jaghtih zewg tiri. Xi mara taghtha daqqa go wiccha (fol 234). Hi qalet li kienet il-mara ta’ Ivan pero ma kinitx marret ghand it-tabib wara. Kienet telghet tbengila u imbghad bdiet tara ic-cpar. Issa kienet tajba. Hi kienet taghtha xi daqqa ohra go sieqha u kien hemm ragel li kien bil-krozzi u waddabha u laqatha go dahra (fol 235). Hi qalet li l-mama taghha ma kinitx argumentat ma Vicky. Hawn il-Qorti kellha tfakkarha li qeghda bil-gurament. Hi wiegbet le meta kienet mistoqsija jekk kienx hemm xi hin fejn l-akkuzat Mario u huma ddecidew li johrogu mill-bieb ta’ quddiem flok minn ta’ wara. Huma u sejrin lejn id-dar bdew jghajjruhom. Hi qalet li missierha ma kellux mus f’idejh izda kienet rat lil xi hadd b’siggu fejn il-papa. Lanqas

kienet rat lil Ivan jintlaqat bil-mus (fol 239). Hi qalet li kienu twaddbu zewg tazzi u kien waddabhom Alex (fol 241). Qalet ukoll li s-siggu kien ghal missierha.

A fol 261 xehed l-ispettur Michael Mallia li qal li hu kien duty officer u li kienu rcevew telefonata li ghall-11.00pm kien hemm xi glieda hdejn il-kazin tal-Labour ta' Hal Kirkop. Imbghad f'daqqa wahda kien sab lill-imputat l-ufficcju li qallu li kienu attakkawh xi nies. Huwa zamm lill-imputat id-depot ghax kien cempillu s-surgent u qallu x'kien gara u ma garax. Kien jidher l-imputat daqxejn ecitat u kien mar hafi. U qallu ghax kienu daru ghalih u telaq jigri minn fuq il-post.

Xehed PC 48 Desmond Desira li qal li l-imputat ma kellux armi licenzjati fuq ismu (fol 264).

A fol 266 l-Ispettur Carmelo Bartolo pprezenta l-fedina penali ta' l-imputat li tinsab fol 268 et.

Xehed ukoll Raymond Bonnici li qal li kien rceva telefonata minghand il-mara ta' l-imputat sabiex jiehu lill-imputat id-depot tal-pulizija. In kontro ezami hu qal li kien hemm numru ta' nies mhux hazin. Fil-fatt uza l-kelma 'kwantita' (fol 310) fejn kienet qed issir il-glieda. Huwa ra dan ghax hareg jittawwal mill-gallerija. L-imputat kien wahdu u kien hemm iktar minn 10 barra l-imputat. Fil-karozza l-imputat qallu li kienu daru ghalih u talbu jaghmillu pjacir u jwasslu d-depot. Hu deher imbezza' (fol 313). Kienet il-mara ta' l-imputat li qaltlu fejn kien jinsab l-imputat li kien qed jistennieh. Hawn hekk il-Qorti qratlu x-xhieda li kien ta waqt l-inkjesta u kkonfermaha.

Xehed ukoll Paul Pirotta a fol 322. Ix-xhud qal ukoll li l-imputat qaghad jghajjar lill-kugina tieghu. X'hin kien hareg mill-hanut tal-Malta Labour Party kien sab lil huh kollu demm. Tal-hanut insista biex l-imputat ma johrogx min-naha ta' quddiem imma min-naha ta' wara (fol 329).

Ix-xhud qal ukoll lill-imputat biex ma jmissx lil missier ix-xhud ghax missier ix-xhud kien xih. U l-imputat qallu li lil missieru ma kienx ser imissu. Huwa kien ra s-siggu

f’idejn wiehed jismu Rennie (fol 332). F’idejn l-imputat huwa kien ra mus (fol 333). Fil-fatt meta telaq jigri ghal wara l-imputat, l-imputat beda jxejjirlu bih. Ix-xhud qal li meta l-imputat beda jxejjer il-mus, huwa kellu tazza u flixkun u waddabhom lill-imputat. Il-mus kien wiehed minn dawk li jinfetah. Huwa kien mar bl-ambulanza flimkien ma huh.

A fol 344 xehed Dr Malcolm Borg, Registratur fl-Emergenza li qal li fil-11 ta’ Settembru ghall-habta tal-11.30pm kien ezamina lill-pazjent Ivan Pirotta u li kien allega li kien gie ferut b’sikkina. Huwa kien intlaqat fuq in-naha tax-xellug ta’ sidru. Huwa qal 2cm kienu tul. Dwar il-fond ma tkunx tista’ tghid dak il-hin. Il-vittma kien kompletament stabbli imma kienu dahhluh l-isptar biex isirulu iktar testijiet. L-offiza kienet kompatibbli ma strument bil-ponta. Kien hemm penetrazzjoni zgur. Il-post fejn intlaqat hemm il-pulmun u l-milsa. Huwa qal li dak il-hin kien klassifikahom bhala feriti gravi (fol 346). Hu qal li s-soltu frita tal-gilda jekk tkun mill-aspett kosmetiku biss ma titqiesx bhala gravi. Huwa kien nizzilha bhala gravi ghax jista’ jkun jew intlaqat xi mkien jew il-vittma kien ser jiddahhal l-isptar ghal testijiet ohra. Huwa kien sablu biss din il-ferita. Huwa qal li biex ikun nizzilha gravi s-soltu jkun hemm xi raguni u semma l-kwistjoni li jkun hemm xi penetration (fol 347). Hawn hekk ix-xhud kkonsulta n-noti tieghu u ma sabx raguni ghalfejn kien nizzilha gravi.

Xehdet wkoll Josephine Cutajar li kienet fejn ir-ragel taghha fil-bar tal-kazin tal-Malta Labour Party gewwa Hal Kirkop. Hija ftakret li r-ragel taghha kien qal lill-imputat li kien hemm bieb iehor fuq in-naha ta’ wara. Hija qalet li Vicky ma kinitx dahlet gewwa. Il-familja ta’ Pirotta kienu barra fuq mejda. Ix-xhud kompliet tghid li minn gewwa hi ma kinitx taf xi jkun qed jigri barra u la semghet siggijiet u lanqas fliexken ma rat. Taf li kienet giet ambulanza u hadet lil Ivan imma ma tafx x’kien gralu. Kienet saret taf wara li semghet lil xi hadd jghid huma u jcemplu lill-ambulanza. Hija kkonfermat li l-familja Pirotta dak inhar kellhom xi okkazzjoni ghax kienu hafna flimkien. X’hin

harget barra biex titawwal ghar-ragel taghha, rat lin-nies iqumu u kklerja kulhadd (fol 365).

Xehed ukoll Christopher Farrugia izda waqt ix-xhieda tieghu l-avukat difensur ssuggerixxa li jsir il-verbal li hemm a fol 370.

A fol 385 xehed Dr Andrew Borg. Huwa qal li kien imsejjah biex jezamina zewg persuni. L-imputat rrifjuta li jezaminah. L-allegazzjoni kienet li l-imputat kien qed jiddefendi ruhu u l-Qorti kienet tablet lil dan it-tabib jistabilixxi x'feriti kellu l-imputat. Izda l-imputat rrifjuta li jkun ezaminat anke quddiem l-avukat tieghu ghax huma offrewlu li jgib l-avukat tieghu izda xorta jirrifjuta.

Kien ezaminat Ivan Pirotta li kien il-vittma. Dan kellu ferita sterna ta' 2cm wisa' u fonda hu qal 6 inches fuq in-naha tax-xellug ta' zaqqu taht il-kustilji. Fuq is-CT scan it-track taghha evitat il-milsa b'fortuna (fol 386). Just by luck evitat l-spleen ghax kieku kienet potenzjalment toqtlu. Fortunatament ma ntlaqat xejn. Jigifieri x'aktarx Ivan Pirotta ghandu jfieq totalment minghajr konsegwenzi fit-tul.

Din il-ferita kienet kompatibbli ma mus u l-wisa' kienu kompatibbli ma stab wound (fol 386). Huwa esebixxa c-certifikat originali li jidher a fol 389.

Fil-kontro ezami x-xhud baqa' jinsisti li l-imputat ma qallu xejn affattu u l-imputat ma qallu xejn affattu u qal li lilu ma qallu xejn dwar li kien qed jiddefendi ruhu.

Mic-certifikat esebit jirrizulta li Ivan Pirotta kellu ferita ta' 2cm fil-genb fuq in-naha tax-xellug. Ma jidhirx li Ivan Pirotta kellu xi feriti ohra (fol 393). Fl-ebda hin ma kien fil-periklu tal-mewt u ma kellux bzonn jinghata d-demm. Hu qal li min-noti ta' l-emergenza jidher li l-fondezza kienet ta' 6 inches konsistenti ma daqqa ta' mus. Xray ta' sider l-allegat vittma ma zvelax xi feriti fil-pulmun jew fil-qalb. CT scan ta' zaqqu ma weriex free fluid fil-kavita tal-pleura jew peritoneum. Huwa kkonferma li mill-ezami tieghu kien hemm ferita ta' madwar 2 cm fil-genb fuq in-naha tax-

xellug u din hija a fol 394. Skond dan ix-xhud li kieku l-ferita li biha intlaqat kienet ikbar seta' jsofri griehi serji ghax iktar fil-fond kien hemm organu importanti u cioe il-milsa. Fl-opinjoni tieghu din kienet a stab wound (fol 396).

A fol 419 tela' jerga jixhed Dr Malcolm Borg li qal li l-pazjent li kien ezamina fil-11 ta' Settembru 2004 kellu ferita twila ta' 2 cm fuq in-naha tax-xellug ta' sidru, fuq in-naha ta' isfel tal-kaxxa ta' sidru. Ma kienux raw hemmx penetration jew le imma fl-xrays u fic-CT scan ma kien hemm ebda evidenza li giet perforata il-body cavity li hija imsejjha il-pleural cavity. Huwa kkonferma li l-ferita kienet tikkorrispondi ma xi haga bil-ponta. Hu qal li kienet xafra ta' 6 pulzieri.

Wara li saret mistoqsija mill-Qorti, hu qal li skond in-notamenti tieghu ma kien hemm ebda nota li kien hemm xi ntervent kirurgiku fuq Pirotta. A fol 432 fuq talba ta' l-Avukat Generali, fis-7 ta' Marzu 2007 rega' xehed Ivan Pirotta li qal li ma kellux zxi jzid ma dak li kien xehed fit-8 ta' Novembru 2004. Il-prosekuzzjoni staqsietu jekk kienx hemm xi sintomi godda fis-sahha tieghu u wara li ta x-xhieda u r-risposta kienet 'Le.' (fol 432). Illum kollox kien qed ihoss sew. Il-Qorti staqsiet direttament lix-xhud jekk fejn kien intlaqat kienx kollox sew u hu wiegeb li sa issa iva u kien ihossu tajjeb.

A fol 444 rega' xehed Dr Andrew Borg fejn hu ccekkja dwar il-fondezza ta' l-allegata ferita. Dak isir probe sakemm tolqot il-laham sod. Huwa qal li is-6 inches kien hadhom mill-file izda ma jistax jghid b'certezza x'kien sab ezatt il-kirurgu li kiteb 6 inches. Jigifieri jekk harisx lejn il-forceps u qal this is 6 inches jew inkella kejjlux u qal iva this is 5.9 inches. Huwa kkonferma li fuq il-file kien hemm centimetres u mhux inches u kkonferma li horizontally kienet 2cm. Huwa kkonferma wkoll li ma kienx hemm penetration fil-cavities. A fol 498 huwa qal li ma jistax jeskludi li kien hemm zball uman dwar min kiteb 6 inches. Huwa qal li jekk bi blade ta' 6 inches jkollok il-penetrazzjoni tal-peritoneal cavity u l-fatt li ma nstabx any free fluid fl-abdominal peritoneal, allura ma kienx hemm

dak il-fond indikat (fol 448). F’dan il-kaz il-peritoneal cavity zgur ma kinitx ppenetrata.

Tela’ Dr Frank Bonello, Direttur ta’ l-Isptar San Luqa li qal li l-vittma kien rah certu Dr Shepazki, kirurgu li llum emigra u qieghed Scotland. Il-vittma dahal fil-11 ta’ Settembru u kien discharged fl-14 ta’ Settembru u ma kien hemm l-ebda forma ta’ operazzjoni jew xi haga fuqu. Kien hemm ukoll certu interventi li l-pazjent rrifjutahom (fol 457).

Rega xehed Ivan Pirotta li qal li kien ser jahfer lill-imputat ghax jigi mill-mara ta’ huh u ghal hekk kien qed jahfirlu (fol 465).

Kienet wkoll mahtura il-Probation Officer Chantelle Avellino sabiex taghmel PSIR fuq l-imputat. Hija qalet li matul il-kumpilazzjoni ta’ dan ir-rapport, l-imputat kkopera bis-shih. Hu ghandu ferma ghal qalbu it-tliet wlied li kellu minn Magdalene Agius li llum mietet. Hi qalet li l-mewt ta’ Magdalene Agius kienet trauma ghalih. It-tifla ta’ l-imputat qalet li missierha jiehu hafna hsieb taghha (fol 470).

Fis-seduta tat-8 ta’ Ottubru 2008, id-difiza ddikjarat li ma kellhiex iktar provi xi ttella’. A fol 460 fil-process hemm id-dikjarazzjoni li nqraw l-Artikoli u li l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni li jkun gudikat minn din il-Qorti.

**Ikkonsidrat.**

L-Avukat Ġenerali ta s-segwenti artikoli:

(a) 214 u 218 tal-Kodiċi Kriminali (fil-konfront ta’ Ivan Pirotta);
(b) l-artikoli 41(1)(a0, 214 u 218 tal-Kodiċi Kriminali (fil-konfront ta’ Nazzareno Gauci);
(ċ) fl-artikolu 26(a) tal-Ordinanza dwear l-Armi (illum 55(a) tal-Att dwar l-Armi);
(d) l-artikolu 13(1)(a0 tal-Ordinanza dwar l-Armi (illum 6 tal-Att dwar l-Armi);
(e) l-artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali;
(f) l-artikolu 338(m) tal-Kodiċi Kriminali;
(g) 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali;

(h) fl-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

**Kif inbdiet it-Tilwima**

Mill-analiżi tal-provi jirriżulta li l-imputa kien tasseew fil-klabb tal-Partit Laburista ġewwa Ħal-Kirkop akkumpanjat minn persuni oħra, waħda minnhom illum mejta.

Jirriżulta wkoll li l-imputat indaħal waqt li kien qed isir battibekk u ċerta Vicky Spiteri li kienet ukoll fil-ħanut. Mix-xhieda tal-istess Vicky Spiteri jidher li kienet mgħajra b'termini xejn kumplimentużi u l-persuna l-mejta attakkataa wkoll fiżikament. Il-Qorti temmen din ix-xhieda fejn fix-xhieda miġbura a tempo vergine fil-proċess verbal insibu din is-sentenza:

'Mario (l-imputat) ġie ħdejja madwar il-mejda u beda jgħajjarni quddiem in-nies.'[1]

Dwar dan il-punt hemm qbil perfett ma' dak li qal Ivan Pirfotta.[2]

U li lil Vicky Spiteri l-ewwel indirizzawha l-imputat u min kellu miegħu jirriżulta wkoll minn dak li qalet ix-xhud illum mejta a fol 217 tal-proċess:

'Jien għidtilha għalfejn tgħidli li jien -----ta' Strada Stretta.'

Frankament l-iskuża li ppruvat ġġib li kienet ħarġet barra biex tittawwal it-tifel ma tantx tinħass konvinċenti.[3]

U l-istess Vicky Spiteri xhedt li hi ippruvat tevita l-konfronti billi baqgħet barra flpok daħlet ġewwa u billi marret fuq mejda oħra. A fol 289 tal-proċess jinstab dan il-kliem:

'Ħarġu għalija Mario Attard, M – Alla jaħfrilha u t-tifla li għandha u bdew jgħajruni. Mario beda jgħajajrni, M bdiet tagħtini fuq rasi u pprova jħebb għaija (Mario) ukoll imma kien hemm ħabib tiegħi.'

[1] Paġina 82.
[2] Pagina 150
[3] Paġina 216.

**Kif tkompliet it-tilwima**

Mill-proċess jirriżulta li kien hemm diversi membri tal-istess familja qegħdin jiċċelebraw xi okkażjoni flimkien. Dawn kienu jiġu minn Vicky Spiteri.

Il-Qorti m'għandha ebda dubju, għax dan xehduh diversi xhieda fosthom il-barman Leonard Cutajar li saru sforzi sabiex jipperswadu lill-imputat iħalli l-każin minn bieb fuq in-naħa ta' wara flok min-naħa ta' quddiem. **Kien l-imputat li baqa' jippersisti li joħroġ min-naħa ta' quddiem meta l-prudenza kienet tgħidlek li aħjar toħroġ min-naħa ta' wara.**

Għalhekk il-Qorti mhix taċċetta it-teżi ta' auto difeża li ssottommettiet id-difiża għaleix din id-difiża tgħodd meta jkun inevitabbli li wieħed jiddefendi ruħu. Hawnhekk bi ftit għaqal kien ikun evitat inċident li seta' kellu konsegwenzi ħafna agħar kieku l-imputat mexa mal-parir mogħti lilu u mhux għaddas rasu u ħareġ jiċċalenġja lil ħadd ieħor. Jekk kellu dritt joħroġ minn quddiem xorta kellu d-dmir li jevita l-konfront. Multo magis ma tistax treġi din id-difiża meta kien l-imputat stess li fittex il-konfront.

Lanqas ma tista' tkun aċċettata l-eċċess ta' difesa meta wieħed qiegħed taħt passjoni. Bir-rispett kollu, l-istat ta' passjoni ħolqu l-imputat stess l-ewwel bit-tgħajjir lil mara meta jmissu jkun jaf li qatt ma jmur li raġel jgħajjar mara; it-tieni meta ntalab jgħaddi minn band'oħra u hu stina rasu; it-tielet meta li nduna li l-ħbieb ta' Vicky Spiteri kien numerużi, aktaar u aktar kien imissu uża l-prudenza.

Il-Qorti m'għandhiex dubju li l-imputat ħareġ b'idejh fil-but – lest li jiġġieled – u kellu mus f'idejh għaliex dan jirriżulta mix-xhieda u, skond il-konsulent Dr. Andrew A Borg l-offiża sofferta hija kompatibbli ma' użu t'arma bil-ponta.

Għalhekk l-imputat għamel l-arja għax kellu l-mus u b'hekk ħaseb li seta' jgħaddi minn fejn ried.

A fol 199 – xhieda ta' Nazzareno Gauci – insibu dan il-kliem:

*' u kif ħareġ neħħa idejh mill-but u kellu mus f'idejh u lir-raġel tat-tifla għidtlu biex joqgħod attent għax f'idejh għandu mus. Jien sadanittant qbadt siġġu u tfajtu queeidmi biex nilqa' bih bħala tarka. Ġie wieħed u ħadli s-siġġu. Sadanittant Mario dar bil-mus u kien ser jolqotni. Jien inġbdit lura u laqat lir-raġel tat-tifla.'*

A fol 201 l-istess xhud qal li r-raġel ta-tifla, jiġifieri, Ivan Pirotta, kien ser imur għall-imputat iżda x-xhud qal lil Ivan Pirotta biex jaqtagħha waqt li qal lill-imputat biex iħallihom fil-kwiet. Iżda l-imputat baqa' jisfida u Ivan Pirotta ma kienx induna li l-imputat kellu mus f'idu. A fol 203 ix-xhud qal li l-imputat beda jxejjer bl-addoċċ qisu wieeħd miġnun. Meta l-imputat xejjirlu l-mus, ix-xhud kien għadu bis-siġġu f'idu. Imbagħad ħaduhulu u kif ħadulu s-siġġu resaq lura.

Minn dan kollu l-Qorti qed tikkonkludi li l-imputat

(a) kellu mus;
(b) beda jxejru fid-direzzjoni ta' Nazzareno Gauci;
(ċ) iżda minflok laqat lil Ivan Pirotta;
(d) li minn dan kollu ma kien jiġri xejn li kieku l-imputat għadda minn bieb ieħor kif ippruvaw jgħidulu jagħmel diversi xhieda.

**X'offiża ġarrab Ivan Pirotta.**

Skond iċ-ċertrifikat a fol 47 l-allegat vittma kellu:

'2cm laceration, left lower costal margin in midaxilliary line.'

Dan kien ikkonfermat minn Dr.Andrew Borg (fol 344 et),

'Issa dan kulma kellu kienet qasma ta' żewġ ċentimetri fuq in-naħa tax-xellug ta' sidru taħt dirgħajh. Iżż-ewġ ċentimetri kienu tul mhux fond. Ma kienx hemm penetrazzjoni f'xi kavita' iżda seta' jkun hemm u fejn intlaqat l-imputat hemm il-pulmun u l-milsa. (fol 345). Biss

ma setax jgħid għalfejn huwa kien ikklasifika l-offiża bħala gravi. (fol 346).

A fol 385 u 386 l-istess tabib xehed hekk:

'Ivan Pirotta kellu ferita esterna ta' żewwġ ċentimetri wisgħa u fonda sitt pulzieri fuq in-naħa tax-xellug ta' żaqqu taħt il-kustilji. It-track tagħha evitat il-milsa b'fortuna/ (fol 386). Just by luck evitat l-ispleen li kienet tkunlu ferita potenzjalment li toqtlu. Fortunatament ma ntlaqt xejn. X'aktarx għandu jfiq totalment mingħajr konsegwenzi fit-tul. L-offiż kienet kompatibbli ma stab wound.'

Mir-relazzjoni tal-istess tabib Ivan Pirotta f'ebda ħin ma jirriżulta li kien fil-perikolu tal-mewt iżda, fl-opnijoni tiegħu, imsejsa fuq il-post fejn saret id-daqqa u l-fond tla-ferita din kienet stab wound bil-ħsieb li tpoġġilu ħajtu fil-perikolu tal-mewt u mhux barxa aċċidentali. (fol 396).

A fol 445 huwa qal li skond il-file, il-fond (tal-offiża) huwa ta' sitt pulzieri iżda dan il-kejl kien tah ħadd ieħor. Biex toqlot il-milsa għandek bżonn ħafna anqas minn hekk (fol 446). Il-fatt ma nstabx fluwidu fl-abdominal peritoneal jimmilita kontra tali fond. (fol 446).

A fol 456 Dr Frank Bartolo, Direttur ta' St'Luke's qal li is-sitt pulzieri aktrx jirreferu għat-tul tal-mus jew sikkina u mhux għall-fond.

Meta xehed Dr **Malcolm** Borg, (fol 419) huwa qal li Ivan Pirotta dam l-isptar bejn it-12 u l-14 ta' Settembru; li mis-CT scan irriżulta li ma kienx hemm ilma jew demm ġewwa l-kaxxa tas-sider u hu kien iqis il-ġerħa bħal waħda **ħafifa** (fol 420) għax ma kien hemm ebda penetrazzjoni tal-body cavity. (fol 420).

**Offiża Ħafifa jew Gravi**

Waqt li t-tobba jagħtu l-interpetazzjoni medika dwar jekk offiża hix ħafia jew gravi, il-Qorti trid timxi fuq il-

provvedimenti tal-Kap 9 u tinterpreta r-riżultanzi skond l-artikoli relevanti.

Oġġettivament saret laċerazzjoni ta' żewġ ċentimetri u din saret b'mus. L-Offiża saret taħt il-kustilji n-naħa tax-xellug. Ma kien ebda penetrazzjoni ta' xi kavita'.

L-artikoli tal-Kap 9 dwar l-offiżi gravi jew ħfief qed jidhru hawn taħt għall-ħeffa tar-referenza.

**'216.** (1) L-offiża fuq il-persuna hija gravi, u għaliha tingħata l-piena
ta' priġunerija minn tliet xhur sa tliet snin -
(*a*) jekk tista' ġġib periklu -
(i) tal-ħajja; jew
(ii) ta' debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni
ta' xi parti tal-ġisem; jew
(iii) ta' difett permanenti f'parti tal-għamla tal-
ġisem; inkella
(iv) ta' marda permanenti tal-moħħ;
(b) jekk iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq
jew f'waħda mill-idejn ta' l-offiż;
(ċ`) jekk tkun magħmula b'ferita li tidħol f'waħda mill-kavitajiet
tal-ġisem, mingħajr ma ġġib l-ebda waħda
mill-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218;
(*d*) jekk iġġib marda tal-moħħ jew tal-ġisem li ddum għal
tletin ġurnata jew iżjed, inkella, għal daqshekk żmien,
iżżomm lill-offiż milli jmur għax-xogħol tiegħu;
(*e*) jekk, meta ssir fuq mara tqila, iġġiegħelha teħles qabel
iż-żmien.

(2) Jekk il-persuna offiża tfieq mingħajr ma kienet qatt matul
il-marda, f 'periklu attwali tal-ħajja jew tal-konsegwenzi
msemmijin fis-subartikolu (1)(*a*), jitqies li l-offiża setgħat iġġib
dak il-periklu fil-każ biss illi dan il-periklu kien probabbli
minħabba n-natura jew il-konsegwenzi naturali ta' l-offiża.

Offiża gravi fuq il-persuna
b'arma
regulari, eċċ`.
*Emendat:*
*VIII.1857.2;*
*VI. 1871..14;*
*XI. 1900.32;*
*XLIX. 1981.9;*
*XIV. 1983.3.* Kap. 446.
**217.** L-offiża gravi hija punibbli bil-priġunerija minn ħames xhur sa erba' snin jekk tiġi magħmula b'arma regulari, inkella bi
strument li jaqta' jew iniggeż, inkella b'xi sustanza jew likwidu li
jesplodi jew jaħraq jew li hu korroživ:

Iżda meta r-reat ikun sar b'xi sustanza jew likwidu li jesplodi l-piena minima tkun priġunerija għal sentejn u d-disposizzjonijiet
ta' l-Att dwar il-*Probation* ma japplikawx.

Każijiet oħra ta'
offiża gravi fuq il-persuna.
*Emendat:*
*IX. 1859.14;*
*V. 1868.9;*
*XI. 1900.32;*
*XLIX. 1981.4;*
*XIV. 1983.4.*
**218.** (1) L-offiża gravi hija punibbli bil-priġunerija minn disa'
xhur sa disa' snin -
(*a*) jekk tikkaġuna debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew iġġib difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem, jew, marda permanenti tal-moħħ;

(*b*) jekk iġġib sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għ onq jew f'waħda mill-idejn ta' l-offiż;

(ċ`) jekk, meta ssir fuq mara tqila, iġġibilha l-abort.

(2) Id-debbulizza fis-saħħa jew fil-funzjoni ta’ parti tal-ġisem,
u l-marda tal-moħħ, l-isfreġju gravi jew id-difett jitqiesu permanenti wkoll jekk x’aktarx ikunu hekk.
*l*
(3) Il-pieni għar-reati msemmija fis-subartikolu (1) għandhom
ikunu dawk stabbiliti fl-artikolu 312(2), kemm-il darba l-offiża fuq
il-persuna tkun saret bil-mezz ta’ likwidu jew sustanza li jesplodu.

Tnaqqis tal-piena
f’każ ta’ kawża
aċċidentali li
tinqala’ wara.
*Emendat:*
*V. 1868.10;*
*XI. 1900.32.*
**219.** Il-pieni msemmija fl-artikoli 216 u 218 jitnaqqsu bi grad
jew żewġ gradi jekk, biex iġġib il-konsegwenzi msemmijin f’dawk
l-artikoli, tkun ikkontribwiet kawża aċċidentali li tinqala’ wara.

omissis

Offi\a ħafifa fuq il-ersuna.
*Emendat:*
*VIII. 1857.3, 5;*
*VI. 1871.15;*
*II. 1886.8;*
*XI. 1900.32;*
*I. 1903.7;*
*VIII. 1909.19;*
*IX. 1911.11;*
*XX. 2005.12.*

**221.** (1) L-offiż fuq il-persuna li ma ġġib ebda waħa mill-konsegwenzi
msemmijin fl-artikoli ta’ qabel ta’ dan is-sub-titolu,
titqies li hija ħafifa, u għaliha tingħata l-piena ta’ priġunerija għal
żmien mhux iżjed minn tliet xhur jew il-multa.
(2) Meta l-offiża ssir b’wieħed mill-mezzi msemmijin fl-artikolu
217, il-piena tkun ta’ priġunerija għal żmien minn xahrejn sa sena.

Meta l-effett ta’ loffiż
a hu ta’
importanza żgħira.

(3) Meta l-effett, ikkonsidrat sew għal dak li hu l-ġisem ta’ l-offiż
kemm moralment, ikun ta’ importanza żgħira, l-akkużat, meta
jinsab ħati, jeħel –

(*a*) il-piena ta’ priġunerija għal żmien mhux aktar minn
tliet xhur jew il-multa, jekk l-offiża ssir b’wieħed mill-mezzi
msemmijin fl-artikoli 217, inkella fuq xi waħda
mill-persuni msemmijin fl-artikolu 222(1)(*a*) u (*b*);

(*b*) il-pieni tal-kontravvenzjonijiet, f’kull każ ieħor.

Kwerela tal-parti
offiża.
(4) Fil-każijiet imsemmijin fis-subartikoli (1) u (3), ma
jittieħed ebda proċediment ħlief bil-kwerela tal-parti offiża, minn
barra minn meta l-offiża ssir fuq waħda mill-persuni msemmijin fl-artikolu
222(1)(*a*) u (*b*).’

Il-Qorti qed teskludi l-applikazzjoni tal-artikolu 218 tal-Kap 9 għax ma rriżultat ebda offiża permanenti kemm mir-relazzjonijiet jew xhieda mediċi kif ukoll meta reġa’ xehed quddiem il-Qorti Ivan Pirotta.

Iżda fil-fehma tal-Qorti din il-ferita maħgmula b'mus f'partgi delikata tal-ġisem setgħet ġġib periklu (kliem il-Liġi eżatt) ai termini tal-artikolu 216(1)(a)(ii) u (2)

(2) Jekk il-persuna offiża tfieq mingħajr ma kienet qatt matul
il-marda, f 'periklu attwali tal-ħajja jew tal-konsegwenzi msemmijin fis-subartikolu (1)(*a*), jitqies li l-offiża setgħat iġġib
dak il-periklu fil-każ biss illi dan il-periklu **kien probabbli** minħabba **n-natura** jew **il-konsegwenzi naturali ta' l-offiża**.

L-imputat fieq mingħajr qatt ma kien fil-perikolu tal-mewt jew tal-konsegwenzi msemmijin fis-subartikolu 1(a). Iżda dak il-perikolu kien **probabbli** minħabba n-natura tal-offiża jew il-konsegenzi naturali tagħha. Ir-reazzjonijiet ta' Dr Andrew Borg huma ċari daqs il-kristall. Meta jsemmi is-CT scan, a fol 386, huwa jgħid li t-**track tal-offiża evita l-milsa b'fortuna**. Barra dan, l-offiża ma saritx b'daqa ta' ħarta jew xi daqqa ta' ponn.

Il-fatt li ma ntlaqtet ebda kavita' ma jfissirx li l-offiża ma kenitx waħda gravi. Li kieku ntlaqtet xi kavita', diġa' hemm dispożizzjoni ad hoc tal-istess arftikolu dwar dan u għalhekk is-subinċiż (2) mhux qed jgħid li bilfors irid ikun hemm tali penetrazzjoni biex offiża titqies gravi għax is-subinċiż (2) mhux intiż biex jirrepeti dak li hemm fl-istess artikolu.

Legalment lanqas m'hu wieħed korrett li jgħid li għax illum l-allegat vittma m'għadux ibati, allura l-ferita hija ħafifa. Tali stat ta' fatt ma jxejjinx l-eżistenza ta' ferita gravi ai termini tal-artikolu 216 għaliex għall-iskopijiet ta' dan l-artikolu ***<u>m'hemmx bżonn li l-effetti tal-offiża jibqgħu jinħassu.</u>***

Għalhekk il-Qorti qed tikklassifika l-offiża li sofra Ivan Carabott bħal waħda gravi ai termini tal-artikolu 216 iżda qed tagħmilha ċara mhux tal-aritkolu 218.

Wara li stabbiliet dan, il-Qorti ser iddur l-imputazzjonijiet flimkien mal-artikoli mogħtija mill-Avukat Ġenerali.

**L-ewwel Imputazzjoni**

Il-Qorti qed tillibera lill-imputat mill-ewwel imputazzjoni minħabba li (a) l-Avukat Ġenerali lanqas biss ta l-artikoli dwar din l-imputazzjoni u (b) ad ogni modo, nuqqas ta' provi.

**It-tieni imputazzjoni**

It-tieni imputazzjoni hija ppruvata (sal-livell tal-artikolu 216). Il-Qorti qieset dak li qalu x-xhieda u rat ir-relazzjoni ta' Dr Andrew Borg u qieset ukoll li 's-sitt pulzieri' aktarx kienu jirreferu għat-tul tal-mus milli għall-fond tal-offiża. Biss mhix issib lill-imputat ħati ta' ferita gravi ai termini tal-artikolu 218 - kif inhi dedotta l-imputazzjoni - iżda minflok qed isibu ħati ta' ferita gravi biss ai termini tal-artikolu 216(1)(a)(ii)(2), reat li huwa kompriż u involut fl-artikolu 218..

**It-Tielet Imputazzjoni**

It-tielet imputazzjoni hija dwar it-tentattiv ta' offiża gravi permanenti fil-konfront ta' Nazzareno Gauci. Il-Qorti hija soddisfatta li l-imputat xejjer il-mus fid-direzzjoni ta' Nazzareno Gauci li ma ntlaqatx għax inġibed lura. Biss mhux issib lill-imputat ħati taħt l-artikolu 218 iżda taħt l-artikolu 216(1)(a)(ii)(2) liema reat huwa kompriż u involut fl-artikolu 218.

**Ir-raba' imputazzjoni.**

L-imputat kien iġorr arma waqt li huwa kien qed jagħmel offiża fuq il-persuna jew tentattiv ta' tali offiża. Il-Qorti qed issibu ħati ta' din l-imputazzjoni għax hu kien qed iġorr arma (mus) waqt it-twettiq ta' tali reati. Qed tapplika l-Kap

66 li kien għadu fis-seħħ meta twettqu r-reati u l-piena hija aktar mieta minn dik tal-Att dwar l-Armi li jreġi fil-preżent.

**Il-Ħames Imputazzjoni.**

L-imputa kien qed iġorr mus (a pointed blade) mingħajr il-liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija kif jidher mill-provi. Għalhekk qed issibu ħati ta' din l-imputazzjoni u mhix tapplika l-artikolu 17(h) tal-Kap 9 għax m'hemmx il-konkurs ideali (skond il-ġurisprudenza tagħna). Qed tapplika l-Kap 66 għax dak kien ireġi fi żmien meta twettaq ir-reat u huwa aktar mieti minn dak tal-lum.

**Is-Sitta, Is-seba' u t-tmien imputazzjoni**

Dawn huma kontravenzjonijiet u jirriżultaw kollha mill-provi u għalhekk il-Qorti qed issib lill-imputat ħati ta' dawn it-tliet imputazzjonijiet.

**Id-Disa' Imputazzjoni – Ir-Reċidiva**

Din m'hemm ebda prova taħgha u għalhekk il-Qorfti qed tillibera lill-imputat minn dan l-addebitu.

**Konklużjoni**

Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 214, 218, (fil-konfront ta' Ivan Pirotta), 41(1)(a), 214,u 218 (fil-konfront ta' Nazzareno Gauci), 339(1)(e), 338(m) u 533 tal-Kap 9 u l-arttikoli 26(a) u 13(1) tal-Ordinanza dwar l-Armi (Kap 66) (illum l-artikoli 55(a) u 6 tal-Att Dwar l-Armi rispettivament) **qegħda tillibera** lill-imputat mill-ewwel u mid-disa' imputazzjoni, **qed issibu ħati** tar-raba' tal-ħames, tas-sitt, ts-seba' u tat-mien imputazzjoni **u mhux qed issibu ħati tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni** (ara l-artikoli tal-Avukat Ġenerali fil-paragrafi (a) u (b)) kif dedotti **iżda minflok**, dwar it-tieni imputazzjoni, **qed issib lill-imputat ħati ta' offiża gravi** ai termini tal-artikoli 214 u 216(1)(a)(ii)(2) tal-Kap 9 flok l-artikolu 218, reat li huwa involut u kompriż fit-tieni imputazzjoni u, dwar it-tielet imputazzjoni **qed issibu ħati** tar-reat ta' tentattiv skond l-artikolu 41(1)(a) u tal-

artikolu 216(1)(a)(ii)(2) tal-Kap 9 flok l-artikolu 218 tal-istess Kap, liema reat huwa kompriż u involut fit-tielet imputazzjoni dedotta kontra l-imputat.

Dwar il-piena, il-Qorti kkonsidrat li l-wieħed mill-allegati vittmi għażel li jaħfer lill-imputat u li l-Probation Officer li nħatret biex tagħmel rapport fuq l-istess imputat ikkonfermat li l-imputat ikkopera magħha matul il-perjodu meta kienet qed tħejji ir-rapport. Iżda l-Qorti qed tqis ukoll li ħafna mir-reati serji msemmija fl-imputazzjonijiet ma jinħafrux u jinkludu wkoll dawk taħt l-Arms Ordinance. Għalhekk il-Qorti, wara li qieset iċ-ċirkostanzi kollha, u qieset l-artikolu 17(b) u l-artikolu 28A tal-Kap 9 qed tikkundanna lill-imputat għal erbatax-il xahar priġunerija li għandhom jibqgħu sospiżi għal tliet snin sakemm l-imputat ma jwettaqx xi reat ieħor fiż-żmien operattiv tas-sentenza, iħallas tliet ammendi li flimkien jammontaw għal €175, u multa ta' €60. L-amendi u l-multa għandhom jitħallsu immedjatament.
Il-Qorti spjegat lill-imputat l-artikolu 28A tal-Kap 9.

Il-Qorti mhix tapplika l-artikolu 533 għaliex l-esperti kollha inħatru matul inkjesta li saret qabel is-16 ta' Jannar 2006.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------